COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

# Tgħallem aktar dwar id-drittijiet tal-bniedem: riżorsi tal-Kunsill tal-Ewropa/ECHR




## IS-SIT ELETTRONIKU DWAR L-IMPATT TAL-KONVENZJONI EWROPEA TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

www.coe.int/ECHR

Din is-sit elettroniku juri kif il-Konvenzjoni tħares id-drittijiet ta' aktar minn 700 miljun Ewropej. Bl-użu ta' firxa wiesgħa ta' eżempji, juri kif is-sentenzi tal- Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-implimentazzjoni tagħhom mill-awtoritajiet nazzjonali, bidlu l-ħajja tan-nies madwar il-kontinent.

Is-sit elettroniku jippreżenta madwar 200 każ flimkien ma' għexieren ta' vidjows ta' spjegazzjoni, animazzjonijiet u xhieda mill-applikanti.

Is-sit huwa mmirat lejn ċittadini, għalliema, studenti, ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u uffiċjali pubbliċi – fil-fatt, kull min hu interessat fil-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-impatt pożittiv tagħha.

- ► Jinkludi għexieren ta' spjegazzjonijiet viżivi, animazzjonijiet u xhieda mill-applikanti.

## KORSIJIET ONLAJN FL-EDUKAZZJONI DWAR ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM GĦAL PROFESSJONISTI LEGALI (HELP)

https://help.elearning.ext.coe.int/

HELP hija pjattaforma edukattiva primarjament maħsuba għal professjonisti legali (imħallfin, avukati, prosekuturi u professjonisti oħra tal-liġi) u studenti universitarji, iżda wkoll miftuħa għal kulħadd.

Il-korsijiet onlajn huma interattivi, viżwali u prattiċi. Huma jkopru diversi suġġetti relatati mad-drittijiet tal-bniedem, li jirriflettu l-oqsma differenti tal-ħidma tal-Kunsill tal-Ewropa.

Il-korsijiet huma tal-ogħla kwalità peress li ġew żviluppati flimkien mal-aqwa esperti tal-Kunsill tal-Ewropa, inklużi avukati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Imsieħba li jinkludu l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, in-Netwerk Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju u l-Kunsill tal-Avukati u Għaqdiet tal-Liġi tal-Ewropa (CCBE) ukoll jikkontribwixxu l-għarfien tagħhom.

- ► Korsijiet onlajn, b'xejn u miftuħa għal kull min joħloq account, żviluppati bl-Ingliż u tradotti f'lingwi oħra, b'aktar minn 135,000 utent attiv. Ladarba kors ikun tlesta, huwa possibbli li tiġi stampata stqarrija ta' twettiq.




## DATABASE ECHR HUDOC

https://hudoc.echr.coe.int

Id-database HUDOC tipprovdi aċċess għall-ġurisprudenza tal-Qorti (inklużi sentenzi u deċiżjonijiet tal-Awla Manja, tal-Awla u tal-Kumitati, każijiet ikkomunikati, opinjonijiet konsultattivi u sommarji legali), tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (deċiżjonijiet u rapporti) u tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa (riżoluzzjonijiet).

- ► *Interface* aġġornat kontinwament, fi 8 lingwi, għażliet ta' tfittxija skont kliem ewlieni u avvanzata, links għal traduzzjonijiet fejn disponibbli.




## PJATTAFORMA TAL-QSIM TAL-GĦARFIEN ECHR (ECHR-KS)

https://ks.echr.coe.int/

Din il-pjattaforma tippreżenta l-aħħar analiżi tal-iżviluppi tal-ġurisprudenza b'mod tematiku, ibbażat fuq l-artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u suġġetti orizzontali.

Huwa għajn ta' informazzjoni komprensiv u aġġornat.

- ► Disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż, aġġornat kull ġimgħa, b'navigazzjoni skont is-suġġett u l-artiklu.

## GWIDA GĦALL-AMMISSIBILITÀ ECHR

https://go.coe.int/us2pr

Din il-gwida tiddeskrivi l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà li ghandu jkollu rikors quddiem il-Qorti. Il-prattikanti u l-applikanti prospettivi għandhom jistudjaw il-gwida bir-reqqa qabel ma jiddeċiedu jekk għandhomx iressqu każ.

- Aġġornata regolarment, disponibbli f'diversi lingwi.

## SKEDI INFORMATTIVI TEMATIĊI ECHR

https://go.coe.int/Z1XjH

- 29 skeda informattiva, organizzati skont Is-suġġett dwar il-ġurisprudenza tal-Qorti u kawżi pendenti
- Numru kbir ta' traduzzjonijiet fi 15-il lingwa

## GĦAŻLA TA' KAWŻI EWLENIN ECHR

https://go.coe.int/MkCCJ

Għażla uffiċjali ta' sentenzi, deċiżjonijiet u opinjonijiet konsultattivi (madwar 30 kull sena) li jagħtu kontribut sinifikanti għall-iżvilupp, il-kjarifika jew il-modifika tal- ġurisprudenza tal-Qorti.

- Ippubblikata kull sena, fiha hyperlinks għad-data relatata tad-database HUDOC u, sa mill-2016, għal sommarji legali rilevanti.




## "PROFILI TAL-PAJJIŻ" ECHR

https://go.coe.int/nAOhI

Statistika u każijiet notevoli tal-passat jew pendenti fir-rigward ta' kull wieħed mis-46 stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa flimkien mar-Russja.

## DATABASE HUDOC-EXEC

https://hudoc.exec.coe.int

Din il-magna ta' tfittxija ttejjeb il-viżibilità u t-trasparenza tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Tipprovdi aċċess għal informazzjoni u dokumentazzjoni dwar il-każijiet kollha pendenti quddiem il-Kumitat tal-Ministri, kif ukoll każijiet magħluqa b'riżoluzzjoni finali, permezz ta' interface uniku unifikat.

- It-tfittxijiet jistgħu jsiru permezz ta' numru kbir ta' kriterji ta' tfittxija bħal per eżempju Stat, data, status ta' eżekuzzjoni, ksur, suġġett, eċċ.




Disponibbli biss bl-Ingliż

## IL-KONVENZJONI EWROPEA DWAR ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM – PRINĊIPJI U LIĠI (2022)

https://go.coe.int/VNDxS

ISBN 978-92-871-9190-8, 408 paġni, 49 €

Gwida indispensabbli għal studenti universitarji, uffiċjali tal-gvern u prattikanti legali bl-istess mod

*Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem – Prinċipji u Liġi* huwa l-manwal essenzjali għal studenti universitarji, uffiċjali tal-gvern, avukati u avukati tad-drittijiet tal-bniedem li jfittxu deskrizzjoni komprensiva u konċiża tal-ġurisprudenza ġġenerata taħt il-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

- Miktub minn esperti dwar il-Konvenzjoni (Awturi: C. Buckley, K. Kamber; P. McCormick, D. J. Harris)
- Jiċċita kważi 1500 każ, jipprovdi links għal kull entrata fid-database UDOC; jidentifika l-isfidi ewlenin u żviluppi legali kurrenti; jipprovdi suġġerimenti għal aktar qari

PREMS 002425

Sib il-pubblikazzjonijiet tagħna fuq:

**http://book.coe.int – http://edoc.coe.int**

**Ibqa' konness**

Segwi @coe, @ECHR_CEDH u @CoEHumanRights